

Brussell, 5 ta' Settembru 2025
(OR. en)

12328/25

CDR 53

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar membru supplenti, propost mir-Repubblika tal-Portugall, fil-Kumitat tar-Reġjuni - Adozzjoni

1. Permezz ta' ittra datata 8 ta' Mejju 2025¹, is-Segretarju Ġenerali tal-Kumitat tar-Reġjuni għarraf lill-Kunsill bi tmiem il-mandat nazzjonali li abbażi tiegħu s-Sur Rogério DE ANDRADE GOUVEIA, membru supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni, ġie propost għall-ħatra u maħtur.
2. Skont l-Artikolu 305 TFUE, il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposti mill-Istati Membri rispettivi, jaħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni.

¹ 12279/25.

3. F'konformità ma' dik id-dispożizzjoni u għall-fini tas-sostituzzjoni tas-Sur Rogério DE ANDRADE GOUVEIA, il-Gvern Portugiż ippropona² lis-Sur Duarte Nuno NUNES DE FREITAS, rappreżentant ta' korp reġjonali li għandu mandat elettorali ta' awtorità reġjonali, *Secretário Regional das Finanças do Governo Regional da Madeira* (Segretarju Reġjonali tal-Finanzi tal-Gvern Reġjonali ta' Madeira), bħala membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2030.
4. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test tad-Deċiżjoni li jinsab fid-dokument 12255/25 u jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta dik id-Deċiżjoni bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss.

² 12327/25.